**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**OBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-17 TA' ĠUNJU 2020**

**Kawża Numru: 6**

**Rik. Ġur. 656/2017 RGM**

**Joseph Giordmaina (I.D. 93547M) u**
**martu Maria Rosaria maghrufa bhala**
**Lucy Giordmaina (I.D. 826250M)**

**vs.**

**L-Avukat Dottor Philip Manduca bhala**
**Mandatarju tal-assenti Emanuel Giordmaina**
**u Carmela Fenech xebba Giordmaina**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Joseph Giordmaina u martu Maria Rosaria magħrufa bħala Lucy Giordmaina** ppreżentat fl-20 ta' Lulju, 2017 li permezz tiegħu ippremettew u talbu s-segwenti:

Illi t-testment tat-18 ta' Frar 1988 kien l-ahhar testment maghmul min Carmelo Giordmaina u martu Maria Giordmaina u dana kif jirrizulta mir-ricerki testamentari li jinsabu hawn annessi u markati rispettivament bhal Dok. B u Dok. C;

Illi Carmelo Giordmaina miet fil-15 ta' April 1995 u dana kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt hawn anness u markat bhala Dok. D;

Illi Maria Giordmaina mietet fit-30 ta' April 2006 u dana kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt hawn anness u markat Dok. E;

Illi permezz tal-artikolu erba tat-testment tat-18 ta' Frar 1988 t-testaturi konjugi Giordmaina iddisponew b'titolu ta' prelegat ghal favur tar-rikorrenti f'assoluta propjeta l-oggetti mobili kollha li kienu jinsabu *ad limine intus* fid-dar tar-residenza tat-testaturi inkluz l-oggetti tad-deheb u oggetti ohra prezzjuzi u eskluzi biss kotba tal-banek jew titolu rapprezentanti flus u dana bhala kumpens ghal servigi, kura u assistenza, rezi mir-rikorrenti lit-testaturi, liema oggetti mobbli jinsabu fil-pussess tar-rikorrenti;

Illi permezz tal-artikolu hamsa tat-testment tat-18 ta' Frar 1988 t-testaturi innominaw bhala eredi universali taghhom lir-rikorrenti, f'ishma indaqs bejniethom, liema eredita giet accettata mir-rikorrenti;

Illi ukoll permezz tal-artikolu hamsa tat-testment tat-18 ta' Frar 1988 t-testaturi iddisponew illi lill-uliedhom Carmela Fenech xebba Giordmaina (imwielda fl-10 ta' Jannar 1950) u Emanuel Giordmaina (imwieled fit-12 ta' Jannar 1963) kien qed jinghatalhom biss id-dritt tal-legittima;

Illi l-assi ereditarji, oltre dawk formanti parti mill-prelegat fuq imsemmi, formanti parti mill-eredita tat-testaturi Giordmaina jikkonsistu fis-segwenti:

(a) Somma flus ta' €32,482.79, oltre l-imghaxijiet akkumulati, li tinsab depozitata f'kont bankarju mizmum mal-bank HSBC Bank Malta p.l.c;

(b) Sehem ta' nofs indiviz minn zewg gherien kontigwi fil-limiti tar-Rabat, Malta fil-kontrada tal-Bahrija u maghrufa bhala ta' "Giusepp Giordmaina", liema gherien jinsabu ahjar deskritti fl-att pubbliku datat 26 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela;

(c) Sehem ta' dodicesima parti indivisa tal-isqaq privat ossij passagg bla numru u bla isem, fil-limiti tar-Rabat, Malta fil-kontrada tal-Bahrija, liema sqaq jisbokka f'Bahrija Road, Bahrija ta' kejl ta' cirka 300 metru kwadru u dana kif jinsab ahjar deskritt fl-att pubbliku datat 26 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela

(d) somma flus ta' €23,213.52 li tinsab depozitata f'kont bankarju mizmum mal-HSBC Bank Malta p.l.c.;

(e) nofs indiviz ta' karma rurali ta' circa 12 m.k. accessibbli minn sqaq li jaghti ghal Triq il-Palazz, Bahrija, Malta liema kamra rurali tinsab ahjar deskritta fl-att pubbliku datat 26 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela;

Illi ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-pussess tal-beni appartenenti lit-testaturi konjugi Giordmaina ghaddiet f'idejn ir-rikorrenti bhala eredi universali tal-istess testaturi bl-obbligu tar-rikorrenti li jhallsu l-pizijiet tal-istess eredita;

Illi, kif espost, l-intimati Carmela Fenech xebba Giordmaina u Emanuel Giordmaina nghatalhom biss id-dritt tal-legittima mit-testaturi, liema jedd huwa meqjus bhala kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-assi ereditarji tat-testaturi konjugi Giordmaina;

Illi ghalkemm saru diversi tentattivi mir-rikorrenti sabiex jintalhaq ftehim mal-intimati u b'hekk jigi likwidat s-sehem riservat dovut lilhom u debitament jithallas, dana l-ftehim ma avverrax ruhu ghal ragunijiet imputabbli lill-intimati;

Illi ghalhekk kellha issir dina l-kawza;

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex, prevja kull dikjarazzjoni neccessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti huma legatarji f'assoluta propjeta tal-oggetti mobili kollha li kienu jinsabu *ad limine intus* fid-dar tar-residenza tat-testaturi inkluz l-oggetti tad-deheb u oggetti ohra prezzjuzi, eskluz il-kotba tal-banek jew titolu rapprezentanti flus, u dan ai termini tal-artikolu erba tat-testment tat-18 ta' Frar 1988 tat-testaturi konjugi Giordmaina u ghal kull buon fini timetti lir-rikorrenti fil-pusses formali tal-oggetti lilhom imholli b'titolu ta' legat;
2. Tiddikjara illi ai termini tal-artikolu hamsa tat-testment tat-18 ta' Frar 1988 tat-testaturi konjugi Giordmaina ir-rikorrenti huma l-eredi universali tat-testaturi konjugi Giordmaina u konsegwentement propjetarji assoluti tal-beni kollha tat-testaturi konjugi Giordmaina li jikkonsistu (a) f'somma flus ta' €32,482.79, oltre l-imghaxijiet akkumulati, li tinsab depozitata f'kont bankarju mizmum mal-bank HSBC Bank Malta p.l.c, (b) sehem ta' nofs indiviz minn zewg gherien kontigwi fil-limiti tar-Rabat, Malta fil-kontrada tal-Bahrija u maghrufa bhala ta' "Giusepp Giordmaina", liema gherien jinsabu ahjar deskritti fl-att pubbliku datat 26 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela u (c) sehem ta' dodicesima parti indivisa tal-isqaq privat ossij passagg bla numru u bla isem, fil-limiti tar-Rabat, Malta fil-kontrada tal-Bahrija, liema sqaq jisbokka f'Bahrija Road, Bahrija ta' kejl ta' cirka 300 metru kwadru u dana kif jinsab ahjar deskritt fl-att pubbliku datat 26 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela;
3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati Carmela Fenech xebba Giordmaina u Emanuel Giordmaina ghandhom biss id-dritt tal-legittima u dana skond l-artikolu hamsa tat-testment tat-18 ta' Frar 1988 tat-testaturi konjugi Giordmaina;
4. Tillikwida l-valur tas-sehem riservat bhala legittima dovut lill-intimati Carmela Fenech xebba Giordmaina u Emanuel Giordmaina;
5. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-valur tas-sehem riservat bhala legittima likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bhala dovut lill-intimati Carmela Fenech xebba Giordmaina u Emanuel Giordmaina ghandhu jithallas

mis-somma flus li tinsab depozitata f'kont bankarju mizmum mal-bank HSBC Bank Malta p.l.c li tifforma parti mill-assi ereditarji tat-testaturi konjugi Giordmaina;

6. Tordna li wara li jsir il-hlas lill-intimati Carmela Fenech xebba Giordmaina u Emanuel Giordmaina tal-valur tas-sehem riservat bhala legittima likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, il-bilanc rimanenti mis-somma flus li tinsab depozitata f'kont bankarju mizmum mal-bank HSBC Bank Malta p.l.c ghandhu jigi rilaxxat minghajr xkiel jew piz ghal favur tar-rikorrenti;
7. Tiddikjara u tiddeciedi illi wara li jsir il-hlas lill-intimati Carmela Fenech xebba Giordmaina u Emanuel Giordmaina tal-valur tas-sehem riservat bhala legittima likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, l-istess Carmela Fenech xebba Giordmaina u Emanuel Giordmaina ma jkollhom ebda dritt u / jew pretensjoni fil-konfront tal-eredita tal-genituri taghhom konjugi Giordmaina u / jew l-assi ereditarji tal-istess;

Bl-ispejjes kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-mori tal-kawża;

Rat illi għalkemm b'nota tat-13 ta' Settembru 2017 l-Avukat Dr Philip Manduca iddikjara li ma għadux mandatarju tal-konvenuti; sussegwentement baqa' jirrapreżenthom f'dawn il-proċeduri u anke ppreżenta għan-nom tagħhom fil-kwalita' tiegħu ta' mandatarju nota ta' osservazzjonijiet fejn ma ġew sollevati l-ebda lanjanzi fir-rigward tan-notifiki lill-konvenuti;

Rat illi nonostante li l-konvenuti kienu kontumaċi, l-atturi ma sabu l-ebda objezzjoni li l-istess konvenuti jressqu l-provi tagħhom (ara verbal tal-21 ta' Mejju 2019 - fol. 175);

Rat illi skond il-verbal tad-9 ta' Ottubru 2019 il-konvenuti ddikjaraw tramite l-mandatarju tagħhom illi ma kellhomx domandi in kontro eżami x'jagħmlu lill-atturi filwaqt li ddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentata fis-17 t'Ottubru 2019[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-23 t'Ottubru 2019[2];

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Provi**.

Bis-saħħa ta' l-aħħar testment *unica charta* tat-18 ta' Frar 1988 Carmelo u Maria Giordmaina, il-ġenituri tal-kontendenti, iddisponew minn ġidhom billi

a. B'titolu ta' prelegat ħallew lill-atturi, binhom Joseph Giordmaina u martu Lucy Giordmaina, l-oġġetti mobbli kollha li kienu jinsabu *ad limine intus* fid-dar ta' residenza tat-testaturi inkluż l-oġġetti tad-deheb u oġġetti oħra prezzjużi u esklużi biss kotba tal-banek jew titolu rappreżentanti flus; liema prelegat ingħata bħala kumpens tas-serviġi, kuri u assistenza mogħtija minn mill-atturi Giordmaina[3];
b. Innominaw lill-atturi binhom u martu bħala l-eredi universali propjetarji assoluti tagħhom[4];
c. Ħallew lil uliedhom il-konvenuti Carmela Fenech u Emmanuel Giordmaina "id-dritt tal-legittima"[5] (illum porzjon riżervat).

Oltre l-assi mħollija bħala prelegat, l-assi ereditarji jikkonsistu fis-segwenti:

[1] Paġna 185 tal-proċess.
[2] Paġna 189 tal-proċess.
[3] Paġna 7 tal-proċess.
[4] *ibid.*
[5] Paġna 8 tal-proċess.

a. Somma flus ta' €32,482.79, oltre l-imgħaxijiet akkumulati, li tinsab depożitati f'kont bankarju miżmum mal-bank HSBC Bank Malta p.l.c;
b. Nofs indiviż minn żewġ għerien kontigwi fil-limiti tar-Rabat;
c. Sehem minn tnax-il parti indiviż tal-isqaq privat ossija passaġġ bla numru u bla isem, fil-limiti tar-Rabat, Malta fil-kontrada tal-Baħrija, liema sqaq jisbokka fi Triq Baħrija, Baħrija ta' kejl ta' ċirku 300 metru;
d. Somma flus ta' €23,213.52 li tinsab depożitati f'kont bankarju miżmum mal-HSBC Bank Malta p.l.c.;
e. Nofs indiviż ta' karma rurali ta' ċirca 12 m.k. aċċessibbli minn sqaq li jagħti għal Triq il-Palazz, Baħrija.

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti jippremettu li huma għamlu diversi tentattivi sabiex bonarjament jiġi likwidat is-sehem riservat, iżda dawn it-tentattivi ma wasslu għall-ebda riżultati u għalhekk kienu kostretti jressqu din l-azzjoni sabiex jiġi determinat is-sehem li l-konvenuti huma intitolati għalih.

Ikkunsidrat

Fit-8 ta' Jannar 2019 ġie ppreżentat **rapport maħluf tal-Perit Stephen Psaila** mqabbad *ex parte* mir-rikorrenti fejn fih ivvaluta biċċa art li tinstab fi Triq il-Palazz, il-Baħrija flimkien ma' passaġġ privat li s-sehem ta' wieħed minn tnax huwa ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000). Huwa stima wkoll l-għerien li jinstabu fil-limiti tar-Rabat, fejn in-nofs indiviż gie stmat elfejn ewro (€2,000).[6] Għalkemm il-Perit ma semmiex direttament a bażi ta' liema sena ingħataw dawn l-istimi, però mill-ispjegazzjoni mogħtija fir-rapport jirriżulta li l-valur huwa bbażat fuq dak tas-sena 2018 (meta ġie redatt ir-rapport) aktar u aktar meta jiġi meqjus li l-Perit irraporta li "*it is possible to develop the area for four storey developments with overlying setback floor as per Planning Authority Development Control Design Policy DC15*."[7] Fl-4 ta' Frar 2019, ġie ppreżentat it-tieni rapport maħluf tal-Perit Stephen Psaila fejn fih spjega li l-valur f'Jannar

[6] Paġni 97 – 98 tal-proċess.
[7] Paġna 97 tal-proċess.

2019 ta' nofs indiviż tal-kamra li tinstab ġewwa l-għalqa huwa ta' tmient elef ewro (€8,000).

**Joseph Giordmaina** fl-affidavit tiegħu ppreżentat fl-24 ta' Ġunju 2019 spjega li huwa l-ikbar wieħed fost l-aħwa u li għandu żewġ ħutu oħra, Carmen u Emanuel, li kienu emigraw lejn l-Awstraljan – oħtu fl-1972 wara li żżewġet u ħuh fl-1985 meta kellu xi 21 jew 22 sena u żżewweġ hemmhekk. Jgħid li dawn emigraw sew qabel ma miet missieru li miet fl-1995 u ommu li mietet fl-2006. Jixhed li huwa kien joqgħod ferm viċin tal-ġenituri tiegħu u hu biss kien fadal biex jieħu ħsiebhom, kien jiżgura li "kull bżonnijiet taghhom isehhu, nghin il-missieri fl-eghlieqi, nzuruhom, il-mara tnaddfila d-dar, nohodhom jixtru, ecc."[8] Minn meta ħutu emigraw ftit li xejn kien hemm kuntatt kemm bejniethom u kemm bejn ħutu u l-ġenituri tiegħu għajr għal xi telefonata u kartolina tal-Milied. Sakemm damet ħajja ommu, wara l-mewt ta' missieru, ir-rikorrent jgħid li kien jieħu ħsiebha hu, għalkemm jgħid li ommu kienet "ippreferut tidhol go home wara il-ftit li kienet damet tghix maghna peress li jiena u marti konna it-tnejn nahdmu"[9], però jgħid li kien imur iżur lill-ommu kuljum. Ikompli jgħid li wara l-mewt ta' ommu, meta oħtu kienet Malta, huma t-tnejn flimkien ma' martu marru għand in-Nutar sabiex jinqara t-testment, jgħid iżda li meta nqara l-artikolu fejn fih jgħid li oħtu ġiet imħollija biss il-porzjon riservat, hija "bdiet tghajjat u telqet mill-ufficcju tan-nutar"[10]. Jirreferi wkoll għall-avveniment li seħħ fis-27 ta' Settembru 2016 fejn kien irċieva ittra mingħand il-legali ta' ħutu, jitolbu informazzjoni dwar l-attività tal-kontijiet bankarji miżmumin f'isem ommu tul is-snin li kienet fil-*home*. Jgħid li huma wieġbu f'Jannar tal-2007 bid-dettalji kollha mitluba, jgħid ukoll li ħdax-il elf liri Maltin (Lm11,000) "kienu u għadhom miżmumin f'kont il-bank konġunt f'ismi u ma Dr. Philip Manduca, rappreżentant legali ta huti"[11] u stieden lil ħutu sabiex jaqsmu skont it-testment. Iżda wara din ir-risposta ma ġara xejn aktar.

[8] Paġna 177 tal-proċess.
[9] *ibid.*
[10] Paġna 178 tal-proċess.
[11] *ibid.*

L-istess xhieda ingħatat mir-rikorrenti **Lucy Giordmaina** fl-affidavit tagħha ppreżentat fl-24 ta’ Ġunju 2019.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**;

**Is-Sehem Riżervat - Artikoli 615 et. seq. Kap. 16**.

L-istitut tal-porzjon riżervat (sehem riżervat) huwa regolat mill-Artikolu 615 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Il-liġi tiddefinixxi s-sehem riżervat bil-mod segwenti permezz ta' **Artikolu 615 tal-Kap. 16**:-

> (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa’ ħaj. (2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma’ dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta’ att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta’ sentejn:
> Iżda l-Qorti tista’, fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta’ imgħax li tista’ tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

Dwar il-quantum tas-sehem riżwervat jipprovdi **Artikolu 616:-**

> “(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba’ fl-għadd jew nofs ta’dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.
>
> (2) Is-sehem riżervat jinqasam f’ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.”

Fil-każ odjern għalhekk, ġaladarba li tlieta huma l-aħwa (u għalhekk inqas minn erbgħa), il-porzjon riżervat li tispetta rispettivament lil Carmela Fenech u lil Emmanuel Giordmaina huwa ta' sehem minn disgħa (1/9) kull wieħed u waħda.

Ikkunsidrat;

Il-kriterju tal-valutazzjoni biex issir il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat għandu jkun kemm kien jiswa l-ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li kien f'dak iż-żmien. Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża **Mary Anne Zammit et vs. Antonia Ellul et** (App, Ċiv. Nru 2080/2000) mogħtija fit-28 ta' Jannar 2005: "ghal finijiet ta' l-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-*decuius* (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) **bilfors** wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni". Din l-istess sentenza tkompli tislet mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Concetta Vella et vs. Giuseppe Bugeja et** deċiża fl-10 ta' Diċembru 1973 (mhux ippubblikata):

> "izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" **ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni**, cioe` z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk **ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja**."[12]

Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ[13], wara li jitnaqqsu d-djun u l-

[12] Sottolinear u enfasi mill-Qorti tal-Appell.
[13] Artikolu 620 (3) tal-Kapitolu 16.

ispejjeż tal-funeral[14] u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju jkun ħa mingħand it-testatur[15], u tingħata bhala kreditu tal-valur tas-sehem rizervat meħlus minn kull piż jew kondizzjoni[16]. Bis-saħħa tas-sostituzzjoni tal-artikolu rilevanti inforza promulgata bis-saħħa tal-Att XVIII tal-2004, is-sehem riżervat inissel il-jedd għall-imgħaxijiet favur min għandu jedd għalih fuq is-sehem li jkun imissu liema imgħax jibda jiddekorri mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn[17].

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġeneral) fl-ismijiet **Avukat Chris Said noe vs. Mary Abela pro et noe** (Ċit Nru 25/2006) kif konfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Mejju 2010, spjegat fid-dettal kif tali sehem għandu jiġi determinat u stabbilit:-

> "l-punt tat-tluq hu dak li jissejjah bhala **rijunjoni fittizzja**. Permezz ta' dan l-ezercizzju preliminari isir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (*disposable portion*) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din mhi xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'dan il-mod ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tas-sehem rizervat. Dan l-ezercizzju jrid isir b'dan il-mod:-
>
> (a) Fl-ewwel lok ghandhom jingabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuh tas-successjoni (*relictum*) u jinghata l-valur taghhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni;
> (b) Minn dan l-ammont ghandu jinqata' d-dejn;
> (c) Mill-bilanc li jibqa' ghandu jizdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili jinghad li din il-proprjeta` "*shall be fictitiously added*" mehud in konsiderazzjoni tal-valur tal-proprjeta

[14] Artikolu 620 (2) tal-Kapitolu 16.
[15] Artikolu 620 (4) tal-Kapitolu 16.
[16] Artikolu 620 (1) tal-Kapitolu 16.
[17] Artikolu 615 (2) tal-Kapitolu 16.

fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kondizzjoni li kienet meta nghatat id-donazzjoni.

B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) **jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi**."

Ikkunsidrat;

**Serviġi Huma Dejn Gravanti l-Assi Ereditarji**.

Il-Qorti tirreferi għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut nomine senjatament fejn ġie sottomess li "fil-kalkolu tal-porzjoni riservata ghandu jigi kkonsidrat il-legat tal-oggetti mobili kollha li kienu jinsabu ad limine intus fid-dar tar-residenza tat-testaturi inkluz l-oggetti tad-deheb u oggetti ohra prezzjuzi. Illi ma hemm ebda prova li r-rikorrenti rendew xi servigi ta' kura u assistenza lil testaturi u ghalhekk il-valur ta' dawn l-oggetti diga fil-pussess tar-rikorrenti ghandu jigi kkunsidrat u kalkolat."

Fl-ewwel lok jiġi rimarkat illi l-konvenuti ma resqux eċċezzjonijiet f'din il-kawża iżda straħu fuq nota ta' sottomissjonijiet minnhom ippreżentata fit-23 ta' Ottubru 2019.

Ġie dikjarat "li biex il-legat hu ritenut rimuneratorju ghandu jirrizulta mit-testment stess u mhux minn provi barranin".[18]

Ingħad ukoll fis-sentenza **Anthony Haber pro et noe vs. Marlene Miceli et** (Ċit Nru 133/2010 JZM) moqrija fit-30 t'Ottubru 2014 minn din il-Qorti diversament preseduta:-

[18] Ara **Ester Farrugia et vs. Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) deċiża fl-14 ta` Frar 1938 u **Joseph Brincat et vs. Maria Zammit noe** deċiża mill-Prim`Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-16 ta` Frar 1965.

“li sa mill-qedem kien jinghad illi “*per la liquidazione di detta legittima si devono prendere in calcolo tutti i beni componenti l`asse ereditario del defunto … meno quelli lasciati in legato … perche quel legato, essendo rimuneratorio, fatto cio in pagamento e retribuzione di servigi, non e` compreso tra i legati a titolo gratuito contemplate nell`articolo 318* (illum, 620 (3) Kod. Civ) *dell` Ordinanza VII del 1868*” [ara :- “**Tommaso Cortis et vs Giovanni Dottrin et**” – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 17 ta` Novembru 1880]”

Dan huwa hekk għar-raguni illi laxxitu bhal dak hu meqjus bhala “*legatum debiti*”, bil-konsegwenza li ma ghandux jifforma parti mill-wirt tad-decujus ghall-iskop tal-kalkolu tal-legittima jew tal-porzjon rizervat.

Issir riferenza wkoll għas-sentenza **Dr Edoardo Cutajar M.D. vs Teresa Xuereb et (PA - 06/10/1951)** fejn ingħad illi legat rimuneratorju mħolli għall-ħlas ta` serviġi u alimenti li rrendietlu l-persuna gratifikata b’dak il-legat jammonta għall-ammissjoni tad-dejn tat-testatur lejn dik il-persuna għal dawk is-serviġi.

B’applikazzjoni ta’ dan l-insenjament għal każ odjern, il-Qorti qed tqis il-prelegat imħolli lir-rikorrenti bħala wieħed rimuneratorju, liema legat rimuneratorju għandu jitqies dejn tal-wirt. Għalhekk, ġaladarba dan il-legat huwa wieħed rimuneratorju, il-valur tiegħu ma għandux jiġi kkalkolat fil-komputazzjoni tas-sehem riżervat.

**Likwidazzjoni tal-Assi Ereditarji Imħollija mill-Konjuġi Giordmaina**.

(a) Somma flus ta’ €32,482.79, oltre l-imghaxijiet akkumulati, li tinsab depozitata f’kont bankarju mizmum mal-bank HSBC Bank Malta p.l.c;

(b) Sehem ta’ nofs indiviz minn zewg gherien kontigwi fil-limiti tar-Rabat, Malta fil-kontrada tal-Bahrija u maghrufa bhala ta’ “Giusepp Giordmaina”, li skond stima tal-Perit Stephen Psaila dan is-sehem indiviż għandu valur ta' €2,000.

(c) Sehem ta’ dodicesima parti indivisa tal-isqaq privat ossija passagg bla numru u bla isem, fil-limiti tar-Rabat, Malta fil-kontrada tal-Bahrija, liema sqaq jisbokka f’Bahrija Road, Bahrija ta’ kejl ta’ cirka 300 metru kwadru liema sehem indiviż skond stima tal-Perit Stephen Psaila għandu valur ta' €35,000.

(d) somma flus ta’ €23,213.52 li tinsab depozitata f’kont bankarju mizmum mal-HSBC Bank Malta p.l.c.;

(e) nofs indiviz ta’ karma rurali ta’ circa 12 m.k. accessibbli minn sqaq li jaghti ghal Triq il-Palazz, Bahrija, Malta liema kamra rurali tinsab liema sehem indiviż għandu valur ta' €8,000 skond stima tal-Perit Stephen Psaila.

Għaldaqstant il-valur globali tal-massa ereditarja tat-testaturi konjuġi Giordmaina għall-finijiet tal-valutazzjoni tas-sehem indiviż spettanti lill-konvenuti huwa ta' mitt elf, sitt mija u sitta u disgħin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€100,696.31).

Isegwi illi s-sehem riżervat spettanti lil kull wieħed u waħda mill-konvenuti huwa ta' wieħed minn disgħa (1/9) ta' €100,696.31 u cioe' ħdax-il elf, mija u tmienja u tmenin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€11,188.48).

**Spejjeż Ġudizzjarji**.

Dwar l-ispejjeż ġudizzjarji kull parti qed tippretendi illi għandha tkun il-parti l-oħra li tagħmel tajjeb għalihom. Jidher illi l-kontenzjoni prinċipali tal-konvenuti kienet u għadha illi s-sehem riżervat spettanti lilhom kellu jieħu in konsiderazzjoni anke dak kollu li tħalla lill-atturi bħala legat remuneratorju għal serviġi reżi tant li tali pretensjoni baqgħu jisħqu fuqha anke fin-nota ta' sottomissjonijiet minnhom ippreżentata fit-23 ta' Ottubru 2019. Kif rajna tali pretensjoni irriżulta li hija infondata fid-dritt u għalhekk huwa evidenti illi l-kawża odjerna setgħat tiġi evitata li kieku l-konvenuti ma insistewx għal xi ħaġa li skond il-liġi ma kienux intitolati għaliha. Ghalhekk il-Qorti qed tqis lill-konvenuti bħala l-parti sokkombenti f'dawn il-proceduri u tiddeċiedi li fit-termini

tal-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 il-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjez ġudizzjarji.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi fil-kontumaċja tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi,

**1.** Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara illi r-rikorrenti huma legatarji f'assoluta propjeta' tal-oggetti mobili kollha li kienu jinsabu *ad limine intus* fid-dar tar-residenza tat-testaturi inkluz l-oggetti tad-deheb u oggetti ohra prezzjuzi, eskluz il-kotba tal-banek jew titolu rapprezentanti flus, u dan ai termini tal-artikolu erba tat-testment tat-18 ta' Frar 1988 tat-testaturi konjugi Giordmaina u timmetti lir-rikorrenti fil-pusses formali tal-oggetti lilhom imholli b'titolu ta' legat;

**2.** Tilqa' t-tieni talba, tiddikjara illi ai termini tal-artikolu hamsa tat-testment tat-18 ta' Frar 1988 tat-testaturi konjugi Giordmaina ir-rikorrenti huma l-eredi universali tat-testaturi konjugi Giordmaina u konsegwentement propjetarji assoluti tal-beni kollha tat-testaturi konjugi Giordmaina li jikkonsistu:-

(f) Somma flus ta' €32,482.79, oltre l-imghaxijiet akkumulati, li tinsab depozitata f'kont bankarju mizmum mal-bank HSBC Bank Malta p.l.c;

(g) Sehem ta' nofs indiviz minn zewg gherien kontigwi fil-limiti tar-Rabat, Malta fil-kontrada tal-Bahrija u maghrufa bhala ta' "Giusepp Giordmaina", liema gherien jinsabu ahjar deskritti fl-att pubbliku datat 26 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela;

(h) Sehem ta' dodicesima parti indivisa tal-isqaq privat ossija passagg bla numru u bla isem, fil-limiti tar-Rabat, Malta fil-kontrada tal-Bahrija, liema sqaq jisbokka f'Bahrija Road, Bahrija ta' kejl ta' cirka 300 metru kwadru u dana kif jinsab ahjar deskritt fl-att pubbliku datat 26 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela

(i) somma flus ta' €23,213.52 li tinsab depozitata f'kont bankarju mizmum mal-HSBC Bank Malta p.l.c.;

(j)  nofs indiviz ta’ kamra rurali ta’ circa 12 m.k. accessibbli minn sqaq li jaghti ghal Triq il-Palazz, Bahrija, Malta liema kamra rurali tinsab ahjar deskritta fl-att pubbliku datat 26 ta’ Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela;

**3.** Tilqa' t-tielet talba, tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti Carmela Fenech xebba Giordmaina u Emanuel Giordmaina ghandhom biss id-dritt tas-sehem riżervat ai termini tal-artikolu hamsa tat-testment tat-18 ta’ Frar 1988 tat-testaturi konjugi Giordmaina;

**4.** Tilqa' r-raba' talba, tillikwida l-valur tas-sehem riservat dovut lill-konvenuti Carmela Fenech xebba Giordmaina u Emanuel Giordmaina fis-somma ta' €11,188.4 kull wieħed u waħda.

**5.** Tilqa' l-ħames talba, tordna illi s-sehem riżervat dovut lill-konvenuti għandu jitħallas mid-depożiti bankarji mal-bank HSBC Bank Malta p.l.c li tifforma parti mill-assi ereditarji tat-testaturi konjugi Giordmaina imsemmija aktar qabel.

**6.** Tilqa' s-sitt u seba' talba attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**